# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 29 ta' Frar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**
**vs**
**Carmel Cassar**

**Kumpilazzjoni Nru: 403/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Cassar detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 627861(M).

Akkuzat talli fit-13 ta' Dicembru, 2009, ghall-habta ta' 18:50hrs fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBY 627 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lil Audrey Attard u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond ma ccertifikat Dr.Moira Grech M.D (Reg. No 2565) mill-isptar Mater Dei.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1) 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-fatti imsemmija f'l-artikolu 225(1) u l-konsegwenzi imsemmija f'l-artikolu 218(1)(a)(b) ta'l-istess Kapitolu 9;
2) 30(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li sehh nhar it-13 ta' Dicembru 2009 fi Triq il-Kostituzzjoni Mosta ghall-habta tas-6.50pm u li fih indarbet Audrey Attard.

Illi mid-depozizzjoni ta' Audrey Attard jirrizulta li hija tahdem f'Casa Arkati u dak il-hin kienet ghada kif spiccat xoghol. Barra, fil-vettura tieghu pparkjata faccata ta' Casa Arkati (mal-bankina tal-Paramount), kien hemm missierha jistenniha. Attard harget minn Casa Arkati, qasmet minn fuq il-pelican crossing, u marret hdejn il-vettura ta' missierha. Hi xtaqet taghti xi souvenir, li hasbet li kienet fil-vettura ta' missierha, lill-kollegi taghha; pero ma sabithiex fil-vettura ta' missierha, ghalhekk iddecidiet li tmur lura Casa Arkati biex tghidilhom li ma kenitx sabet is-souvenir. Il-vettura ta' missierha kienet ipparkjata ftit 'l fuq mit-traffic lights. Attard tirrakkonta li hija mxiet lura ghal hdejn il-lights li kienu hodor ghat-traffiku; ghafset il-buttuna u meta d-dwal qalbu, cioe saru hodor ghall-pedestrians u anke beda jdoqq l-alarm li jindika li l-pedestrians jistghu jaqsmu, hija fil-fatt qasmet. Lahqet ghamlet zewg passi u tajjrietha karozza tal-linja li kienet gejja mic-centru tal-Mosta sejra fid-direzzjoni ta' Burmarrad. Attard tinsisti li hija qasmet minn fuq iz-zebra crossing, lahqet ghamelt biss zewg passi, u sehh l-impatt; bil-forza ta'l-impatt imxiet xi zewg passi lura u waqghet 'l fuq miz-zebra crossing fejn f'l-iskizz esebiet hemm il-kelma *blood*. Attard tghid li hija ma rathiex gejja l-karozza tal-linja.

Illi missier Audrey, Anthony Attard, jirrakkonta li huwa kien qieghed ipparkjat ftit il-fuq mit-traffic lights faccata ta' Casa Arkati bil-karozza thares fid-direzzjoni ta' Burmarrad meta giet bintu. Hi fittxet xi souvenir fil-karozza tieghu, ma sabitux, u qaltlu li ser terga tmur Casa Arkati biex tghidilhom li ma sabbitx is-souvenir. Anthony Attard baqa' jistenna fil-karozza jhares'l hemm u 'l hawn, inkluz fil-mirja tal-karozza tieghu. Attard jkompli jirrakkonta li f'daqqa wahda, mill-mera, jara karozza tal-linja gejja lejn il-crossing, dawwar rasu u ra li l-lights ghall-vetturi kien diga qaleb orange pero tal-linja baqghet gejja; dak il-hin hu hareg mill-vettura tieghu ghax basar li dak il-hin kienet qed taqsam bintu. Fil-fatt meta hareg mill-vettura ra lil bintu taht il-bumper ta' wara tal-karozza tieghu, kienet intlifet ghal ftit minn sensiha u kien hiereg id-demm minn wiccha.

Illi tressqu diversi persuni li kienu passigiera fuq il-karozza tal-linja biex jixhdu quddiem din il-Qorti. Hadd minnhom ma ra kif sehh l-incident ghax irrealizzaw li gara xi haga ma'l-impatt. Minn dawn certa Dolores Stellini ziedet tghid li l-imputat kien qed isuq bil-mod, fil-waqt li Philip Sammut jghid li l-imputat kien qed isuq "*bis-sittin*". Ta' min wiehed jirrileva li meta dawn iz-zewg persuni taw il-verzjoni taghhom lill-pulizija t-tnejn qalu li x-xufier kien qed isuq b'velocita normali. Passiggier iehor li tressaq bhala xhieda kien certu Alexander Pace. Fid-depoizizzjoni tieghu jghid li ra lil Audrey Attard taqsam it-triq minn fuq il-pelican crossing, lahqet waslet sal-karreggjata tan-naha l-ohra, ippanikjat, griet lura, ix-xufier prova jibbrejkja pero xorta sehh l-impatt. Din il-verzjoni pero hija inverosimili ghall-ahhar u ma taghmel l-ebda sens tenut kont li Attard ittiajret minn naha tax-xellug tal-karrozza tal-linja. Ta min wiehed jirrileva li dan Alexander Pace ta verzjoni xi ftit differenti lill-pulzija; hu qallhom li Attard niezlet minn fuq il-bankina, pruvat taghmel pass lura, ix-xufier ghafas il-breaks pero Attard xorta intlaqtet bin-naha tax-xellug tal-karozza tal-linja.

Illi ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni ressqet prova ohra u cioe CD mehud minn CCTV camera ta' Casa Arkati. Dan il-filmat juri l-incident f'l-intier tieghu. Fih Audrey Attard tidher gejja minn hdejn Casa Arkati, tasal fuq il-pelican crossing, tistenna sa kemm id-dawl jaqleb ahdar ghall-pedestrians, u taqsam meta d-dawl isir ahdar. Hija tidher taqsam it-triq, tasal man-naha l-ohra u timxi 'l fuq sa kemm ma tibqax tidher fil-filmat, prezumibillment dak il-hin baqghet sejra lejn il-karozza ta'

missierha. Ftit tal-hin wara Attard terga tidher; hija tidher miexja fuq il-bankina niezla ‘l isfel lejn il-pelican crossing, u tieqaf hdejh, tafas il-buttuna u tistenna. Dak il-hin id-dawl ghal-vetturi kien ahdar u fil-fatt ghaddew diversi vetturi; meta id-dawl qaleb, cioe sar ahmar ghall-vetturi u ahdar ghall-pedestrians, Attard kemm lahqet ghamlet xi zewg passi meta l-karrozza tal-linja, li tihder tiela ’l, fuq baqghet ghaddejja u tghajjritha. Dan il-filmat jikkorrobora ghal kollox il-verzjoni mghotija minn Attard.

Illi minbarra prova dwar id-dinamika ta’l-incident ingiebu provi ukoll dwar il-griehi sofferti minn Audrey Attard bhala rizultat ta’ dan l-incident. Jirrizulta ampjament, mhux biss mic-certifikati u rapporti esebiti imma anke minn dak li setghet tikkonstata de visu din il-Qorti li Attard ghandha cikatrici vizibbli fuq wiccha.

Illi imputat xehed ukoll. Huwa jirrakkonta li kien qed isuq fi Triq il-Kostituzzjoni bil-hamsa u tletin (35) kilometru fis-siegha; il-lights ta’ hdejn Casa Arkati kienu hodor ghall-vetturi u hu baqa’ jsuq meta ra lil Attard gejja b’pass mghaggel minn hdejn il-karozza ta’ missierha, li kienet ‘l fuq mill-lights. Malli raha kiser ghall-lemin u ghafas il-break u hi habtet mal-pilastru ta’ quddiem u waqghet ma’l-art. L-imputat baqa jinsisti li d-dwal kienu hodor ghall-vetturi pero jghid li hu ma naqqassx il-velocita meta kien qed javvicina l-pelican crossing.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva mill-ewwel li l-imputat huwa skreditat mhux biss minn dak li qalu Audrey Attard u missierha imma anke mill-filmat imsemmi; aktar minn hekk huwa jiskredita lilu nnifsu meta jghid li kien qed isuq bit-tlettin jew tlettin u hamsin kilometru fis-siegha. Il-Qorti difficilment taccetta li seta’ kien qed isuq b’dik il-velocita partikolarment meta il-passiggiera li taw il-verzjoni taghhom qalu li kien qed isuq jew “normali”, jew bis-sittin, jew b’average speed[1]. Zgur li sewqan bit-tlettin jew hamsa tlettin kilometru fis-siegha ma jistax jigi definit “average”, jew “normali” ghat-toroq taghna.

Illi l-imputat qed jallega ukoll li fit-triq kien hemm hafna dawl tal-milied b’l-implikazzjoni li dawn jistghu itellfu jew b’xi mod ifixklu li min ikun

---

[1] Persuna wahda biss, Dolores Stellini, qalet li kien qed isuq bil-mod fid-depozizzjoni taghha ghalkemm lill-pulizija qaltilhom li kien qed isuq “normali”.

qed juza t-triq. Huwa fil-fatt esebixxa ritratt tat-triq bit-tizjin ta' dawl tal-Milied. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-imputat ma qalx meta hadu r-ritratt esebiet; din l-osservazzjoni qed issir tenut kont tal-fatt li l-incident sehh fis-sena 2009 u r-ritratt prezentah fis-sena 2015 u mhux eskluz li t-tizjin tal-Milied jinbidel minn sena ghall-ohra. Aktar minn hekk fil-filmat tac-CD esebiet ma jidhirx li f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hemm xi tizjin partikolari tal-Milied jew xi dwal li jistghu itellfu mid-dehra tad-dwal tat-traffic lights.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat li minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-regoli tat-traffiku huwa kkaguna lil Audrey Attard griehi ta' natura gravissima.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn:

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il- konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[2]

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

[2] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". ... ... ... Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-*

*punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudendi jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

Illi fil-kaz in ezami l-imputat kien qed isuq fi triq principali, li huwa kien familjari maghha, u kien qed javvicina pelican crossing; jghid li hu ma naqqasx il-velocita meta kien qed javvicina l-crossing.

Illi r-Regolament 89 ta’l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 jistabbilixxi li

*meta t-triq tkun markata b’linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa’ taghha, jew b’sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta’ nies bil-pass, il-vetturi kollha li jkunu qed jersqu lejn dak il-passagg ghandhom imexxu bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn ghandhom jieqfu, biex ihallu lin-nies bil-pass jaqsmu, u ma ghandhom f’ebda kaz jaqsmu l-passagg ta’ xi nies bil-pass li jkunu qed juzawh.*

Illi r-Regolament 125 ta’l-istess Avviz Legali li jirregola s-sinjali tad-dawl tat-traffiku jispecifika, fil-paragrafu 4, li

*it-traffiku tal-vetturi li jkun miexi skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel ta’ dan ir-regolament ghandu jibqa’ miexi* ***wara li jiehu kont xieraq tas-sigurezza ta’ l-ohrajn li jkunu juzaw it-triq***[3] *...*

Illi dan il-Regolament huwa rifless f’l-insenjament tal-Qorti ta’l-Appell Kriminali meta qalet li *fuq pedestrian crossing ... id-drivers ghandhom ikollhom l-akbar awareness u alertness ghall-prezenza jew movimenti ta’ pedestrians.*[4]

[3] Sottolinear tal-Qorti
[4] Pulizija vs Christopher Siegersma: op cit

Illi huwa principju ben stabbilit ukoll li sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm ‘l hekk imsejjah “proper look out”. Gie ritenut li

> *Hu dover ta’ driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout… Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*[5]

Illi l-istess Qorti ta’l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li

> *... biex nuqqas ta’proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x’aktarx kienet tigi evitata jew x’aktarx li ma kenitx issehh f’dak il-grad li effettivement sehhet...*[6]

Illi dwar velocita m’hemmx dubju li *speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.*[7]

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jdher li l-imputat naqas li josserva diversi regoli: huwa ma naqqasx il-velocita meta kien qed javvicina pelican crossing u addirittura baqa’ ghaddej minkejja li d-dawl kien ahmar ghas-sewwieqa. Huwa kien ukoll negligenti ghaliex naqas li jzomm proper lookout meta naqas li jara lil Audrey Attard bil-wieqfa fuq il-bankina qed tistenna biex taqsam minn fuq il-crossing u kien negligenti ukoll ghax, jekk veramnet kien hemm tizjin tal-Milied li kien qed ifixkel il-il-vizwali[8], naqas li jiehu l-prekawzjonijiet (velocita ridotta) meta kien qed javvicina l-crossing.

Illi fis-sottomissjonijiet maghmula ghan-nom ta’l-imputat saret referenza ghall-obbligi tal-pedestrians u li anke pedestrians jista’ jkollhom htija

---

[5] Pulizija vs Roderick Debattista: Appell Kriminali deciza 26 ta’Mejju 2004
[6] Pulizija vs Joseph Grech: deciza 6 ta’ Gunju 2003
[7] Pulizija vs Haden Vella op cit
[8] Il-Qorti assolutament mhiex konvinta minn dan.

f'sinistri stradali; giet fil-fatt kwotata s-sentenza Il-Pulizija vs Alfred Caruana deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali f'l-14 ta' Mejju 1955.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-pedestrian ukoll ghandu l-obbligi tieghu f'l-uzu tat-triq. Pero n-negligenza tal-pedestrian, jekk tirrizulta, mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu jekk dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru[9]. F'dan il-kaz, u cioe jekk tirrizulta in-negligenza kontributorja, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi erogata.

Illi f'dan is-sens jikkomenta anke l-Antolisei:

> *Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle cople, nel senso che la colpa dell' uno verrebbe annullata dalla colpa dell'altro. Cosi non si dovrebbe punire l'automobilista, se l' investimento sia dovuta anche alla colpa della vittima. Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle cople, se vale nell'ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell' eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l' applicazione concreta della piena*[10].

Illi Attard kienet qed taqsam minn fuq pelican crossing. B'referenza partikolari ghall-uzu ta' pelican crossings il-Highway Code jspjega x'ghandu jaghmel pedestrian meta jkun irid jaqsam.

> *Push the control button to activate the traffic signals. Whilst the red figure is showing, do not cross. When a steady green figure shows, **check the traffic has stopped then cross with care**[11]. Some crossings may have a green figure that will flash as a warning that the lights are to shortly change to red. When the green figure begins to flash you should not start to cross. If you*

---

[9] Pulizija vs Christopher Siegersma: Appell Kriminali deciza 12 ta' Lulju 2007.
[10] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Generale 1989 Giuffre pagna 332.
[11] Sottolinear tal-Qorti.

*have already started you should have time to finish crossing safely*[12].

Illi minn dan il-bran tal-Highway Code huwa car li meta d-dawl jkun ahdar ghalih l-pedestrian ma jistax jipprezumi li s-sewwieqa ser jieqfu u jaqbad u jaqsam imma ghandu l-ewwel jivverifika li t-traffiku waqaf u, meta jaccerta dan, jaqsam.

Illi dan l-obbligu tal-pedestrian pero ma jgibx fix-xejn l-obbligu primarju tas-sewwieq li jnaqqas il-velocita meta jkun qed javvicina pedestrian crossing, u li jieqaf meta d-dawl ikun ahmar; wisq anqas igib fix-xejn l-obbligu tas-sewwieq li jzomm proper look out.

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz in ezami huwa car li Audrey Attard segwiet kwazi f'l-intier tieghu dak li jipprovdi l-highway code: hija ghafset il-buttuna, stenniet sakemm id-dawl jaqleb ahdar tant li anke beda jdoqq l-alarm, u bdiet taqsam. L-unika haga li m'ghamlitx kienet li tivverifika li mhux gejjin aktar vetturi minkejja li d-dawl kien qaleb.

Illi da parti tieghu l-imputat la naqqas il-velocita meta kien qed javvicina l-lights, la zamm proper look out u lanqas waqqaf meta d-dawl kien ahmar. Fil-fehma tal-Qorti kien propju dan in-nuqqas ta' l-imputat il-kawza prossima ta'l-incident ghaliex ghalkemm Attard ma harsitx biex tivverifika jekk kienux gejjin karozzi, hija kellha dritt li taqsam fil-waqt li l-imputat kellu l-obbligu li jieqaf.

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-griehi li garrbet Audrey Attard gew ikkawzati minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-imputat.

Illi dwar in-natura tal-griehi li garrbet Attard l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-effetti imsemmija f'l-artikoli 218(1)(a) u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li Audrey Attard ghandha cikatrici mal-genb ta' wiccha li tidher minn certu distanza. Mir-rapport ta'l-espert nominat Mr Antoine Zrinzo jirrizulta li Attard ghandha

[12] Paragrafu 45

dizabilita permanenti kemm minhabba l-gravita u l-permanenza tac-cikatrici kif ukoll minhabba hypaesthesiae f'dik il-parti tal-wicc fejn ghandha c-cikatrici.

Illi ghalhekk l-effetti tal-griehi minnha sofferti jaqghu taht definizzjoni ta'l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali. Konsegwentement tirrizulta l-imputazzjoni kontra l-imputat kif dedotta.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m'hin wahda allarmanti. Hadet in konsiderazzjoni ukoll in-nuqqas minimu da parti tal-parte leza.

Ghal dawn il-motivil-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikundannah multa ta' tlett elef Euro (€3,000) u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 30 ta'l-istess Kapitolu 9 tissospendih minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' mija sebgha u temin Euro u hamsin centezmu (€187.50) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**